Ref: 26/6/194/13

KUNSILL LOKALI PAOLA

Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

**Minuti tal-Laqgha Nru. 26 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar l-Erbgha 25 ta' Settembru 2013. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Ray Attard, il-Kunsillier Steve Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima w il-Kunsillier Tyrone Muscat kienu skuzati. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll l-*EU Projects Co-Ordinator* Dr.Malcolm Borg.

Kien hemm prezenti wkoll l-*Acting Secretary* Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

Is-Sindku talab sospensjoni tal-Agenda biex jigi diskuss item 6.

**6) *EU Projects***

6.1 – Dr.Malcolm Borg ta rendikont u dettalji dwar il-progetti li ghandu l-Kunsill Lokali Paola.

6.2 – Dawn il-Progetti huma:

1) Public Consultation Gaddafi Gardens, At Fort, Hybrid Parks

2) Integration Seminar

3) World City Towns

4) Paola Square

5) Energy Call- Solar Lamps – Energy Efficiency Paola

6) MCAST - MOU

7) ESF

8) Gemellagg Poland

9) United Nations Global Cities

6.3 - Il-Kunsillier Axisa qal li ghandna nergghu ndahhlu lis-Sur Renald Dalli. Il-kunsillier Attard qal 'issa trid terga' ddahhal lis-Sur Dalli?' Il-kunsillier Attard staqsa 'ghaliex issa u mhux meta kien ipproponieh hu fil-bidu tal-legislatura?' Ma ttiehdu l-ebda decizjoniet fuq is-Sur Renald Dalli.

6.3.1 - Il-kunsillier Lynch staqsa jekk kienx ghad hemm problema fuq il-flus tas-safar u dan gie nfurmat li kienu saru aggustamenti.

## 1) Minuti

**Minuti tal-Laqgha Nru .25 tas-Sitt Legislatura**

**Materji Konnessi**

1.1 – Re: Item 1.8 – Il-Kunsillier Ray Attard staqsa kif baqa' l-Kunsill dwar l-appell li sar fuq it-*tender no 03/13 Cleaning of Public Convenience*. L-Agent Segretarju qal li l-Avukat tal-Kunsill baghat ittra izda ghadna ma rcevejna xejn dwar dan.

1.2 – Re: Item 5.1 – Il-Kunsillier Ray Attard qal li filwaqt li hu jaqbel li jsiru t-toroq tal-iskema PPP, izda ma jixtieqx li jithalla d-dejn biex isiru dawn it-toroq.

1.3 – Re: Item 1.3 – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar l-*upgrade* tal-wi-fi fi Gnien Pawlu Boffa. Is-Sindku qal li hu tkellem mal-Go u ma' Banif Bank ghax kien hemm problemi teknici.

1.4 - Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

## 2) Korrispondenza

2.1 – Ittra minn TCTC – Is-Sur Abela baghat ittra biex isiru korsijiet tal-kompjuter. Gie deciz li s-Sindku jkollu laqgha mas-Sur Abela dwar dan.

2.2 – Ittra minn WSC – Is-Sur Ivan Mifsud baghat ittra dwar xi xoghlijiet f'Paola Square mill-Kunsill Lokali Paola – Is-Sindku qal li saret applikazzjoni mal-EU dwar dan u ghadna qed nistennew risposta.

2.3 – Ittra minn Hibernians Supporters Club – Is-Segretarju s-Sur Stefan Zahra baghat ittra biex il-kunsill jaghmel reklam ta' €25.00 fil-Kalendarju li ser jigi ppublikkat ghas-sena 2014. Il-membri prezenti approvaw.

2.4 – Ittra mis-Socjeta' Filarmonika 11 ta' Frar – Is-Segretarju, is-Sur Mark Anthony Ferris baghat ittra biex il-kunsill jaghmel reklam ta' €35.00 fil-Kalendarju li ser jitqassam lil kull familja. Il-membri prezenti approvaw.

2.5 – Ittra mis-Socjeta' Filarmonika Madonna ta' Lourdes – Is-Segretarju, is-Sur Mark Anthony Ferris baghat ittra fejn qed jitlob l-ghajnuna tal-Kunsill Lokali Paola biex tigi armata Paola Hill ghal jiem tal-Milied.

2.5.1. Il-Kunsillier Axisa issuggerixxa li jsir board biex jivverifika li jiggustifika dan l-infiq.

2.5.2 – Il-Kunsillier Ray Attard hareg mill-kamra minhabba kunflitt ta' nteress.

2.5.3 – Wara diskussjoni, gie deciz li dwar dan jintalab il-parir legali tal-avukat.

2.6 – Ittra minn *Greenpak Coop Society Ltd* – Ms Charlene Mercieca Magro baghtet ittra dwar *Treasures for Inspire Project* biex nhar is-Sibt 26 ta' Ottubru 2013 u nhar is-Sibt 25 ta' Jannar 2014 mit-8.00am sal-11.30am, ir-residenti tal-lokal jkunu jistghu jgibu hwejjeg uzati, zraben, *handbags* u accessorji f'basktijiet jew kaxxi fl-ufficini tal-Kunsill lokali u wara dawn jingabru mill-kuntrattur ta' GreenPak. Il-membri approvaw.

2.7 – Ittra minn Charlot Pisani – Is-Sur Pisani baghat ittra fejn talab no objection lill-kunsill biex jarma kiosk fejn l-entratura l-gdida ta' MCAST fi Triq il-Bacir, Kordin bejn is-7.00am u t-3.00pm.

2.7.1 - Il-Kunsillier Ray Attard hareg mill-kamra minhabba kunflitt ta' nteress.

2.7.2 – Wara diskussjoni, il-membri approvaw.

3) **Indafa fil-Lokalita'**

3.1 – Is-Sindku qal li l-hin tal-*eco-wardens* fil-lokal huwa ta' saghtejn kull gimghatejn, kull nhar ta' Tlieta mit-8.00am sal-10.00am ~~u l~~il-hlas huwa ta' €50.00 kull ~~darba~~. siegha extra.

3.1.1 Il-Kunsillier Axisa qal li dan iqisu bhala investiment.

3.2 – Wara diskussjoni, gie deciz li s-Sur Jason Psaila, haddiem ta' CCF ser jghin fit-tindif ta' madwar il-lokal.

3.3 – Il-Kunsillier Steve Axisa hareg mil-laqgha fis-7.30pm.

4) ***Skema Live Streaming* - Memo 17/2013**

4.1 – Is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu fil-process biex issir din l-iskema.

5) ***Christmas Party* Anzjani**

5.1 – Il-Kunsillier Lynch tkellem dwar il-*Christmas parties* tal-anzjani u tat-tfal. Hu qal li ser jiccekkja aktar dwar dan u ser jaghti aktar dettalji aktar 'l quddiem.

5.2 – Wara diskussjoni, gie deciz li l-kunsill ghandu budget ta' €1,500 ghal dawn il-parties.

5.3 – Il-Kunsilliera Rita Delezio qalet li kellha xi lmenti minghand anzjani li wrew ix-xewqa li jerga' jsir il-bus stage hdejn il-Knisja.

5.4 – Il-Kunsilliera Delezio xtaqet li l-Kunsill Lokali Paola jiehu sehem fi *Clean-Up-The-World.* Hi ssuggeriet li nhar l-1 ta' Ottubru 2013, f'Jum l-Anzjani, il-kunsill lokali jawgura xewqat sbieh lill-anzjani kollha u biex nibghatu l-ittri lill-Kappillani tal-lokal biex jaqraw dan l-avviz fil-Quddiesa.

5.5 – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar l-injection tal-influenza biex ninfurmaw lill-pubbliku biex jirregistraw id-dettalji taghhom fl-ufficini tal-kunsill.

## 7) **Skeda ta' Pagamenti**

7.1 - Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ghas-somma ta' €55,232.93

7.2 – **Re:Cekk nru 5429** – Dan il-pagament ta' €120 ser jigi kkancellat minhabba li hemm zball fl-ammont.

7.3 – Is-Segretarju talab permess biex iz-zewg pagamenti ta' *Heritage Enterprise Consultancy* li jammontaw ghall-€7,000 u €3,000 ikunu approvati. Il-membri approvaw.

7.4 - Il-membri approvaw is-somma ta' €55,112.93

## 8) **Aggornament**

8.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2013 fil-5.30pm.

Approvati llum 29/10/13

Kevin Borg

*Acting Secretary*

Roderick Spiteri

Sindku